**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Eucharist Sultana**

Numru: 90/2016

Illum 16 ta' Jannar 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Eucharist Sultana,** iben Francis u Antonia nee' Farrugia, imwieled fis-27 ta' Gunju 1954, residenti gewwa l-fond numru 34, Triq Sant Anton, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 40554(G), akkuzat talli personalment u/jew tramite terzi, fit-23 ta' Novembru 2015 u/jew fil-granet u jiem sussegwenti ghall-istess data izda qabel it-30 ta' Novembru 2015:

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi imma biss biex jerzercita' dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lill-konjugi Emanuel u lil Rita Bezzina fil-pussess ta' hwejjighom billi abbuzivament personalment u/jew tramite terzi dahal fil-proprjeta' tal-kwerelanti konsistenti f'porzjon ta' art maghrufa bhala "Ta' Ghajn Meddew" fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex gia fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex konfinanti nofsinhar ma' passagg, tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Salvu u Rosa konjugi Theuma u punent ma' beni ta' Eucharist Sultana, jew irjieh verjuri caqilqu tank tal-ilma illi kien jinsab f'dina l-istess proprjeta' tal-kwerelanti, hatt jew nehha gebel li kienu jifirdu l-art taghhom jew ma' min minnhom mill-proprjeta' tal-kwerelanti u sahansitra fforma passagg sabiex ikun iservi ta' access mill-proprjeta' tal-imputati jew ta' min minnhom ghall-propjeta' tal-kwerelanti u dan kollu bi ksur tal-Kapitolu 9, Artikolu 85;

2. U aktar talli fl-istess perijodu, hin, lok u cirkustanzi, personalment u/jew tramite terzi, abbuzivament u volontarjament ikkaguna hsara, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi kisser tank tal-ilma li kien jinsab fil-proprjeta' tal-kwerelanti u li kien proprjeta' tal-kwerelanti stess, (Kapitolu 9, Artikolu 325);

F'kaz ta' htija minbarra l-piena, il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Artikolu 383 u kif ukoll l-Artikolu 82(2) u Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9;

Rat ir-rapport ta' Dr. Renata Farrugia prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 2018;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018 il-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet sas-6 ta' Jannar 2019 sabiex jipprezentaw noti jekk jixtiequ;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Fit-3 ta' Marzu 2016 gie mahtur espert sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament, jingabru dokumenti, jsir access u ghal dan il-ghan inhatret Dr. Renata Formosa li kellha wkoll tirrelata dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat;

Fl-10 ta' Dicembru 2018 gie esebit ir-rapport tal-espert legali Dr. Renata Farrugia, liema rapport gie markat bhala dok RF1;

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Jannar 2019 bil-partijiet inghataw cans jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-kitba;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat tal-4 ta' Jannar 2019.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt.

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq.

Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Oneru tal-Prosekuzzjoni</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET[2]**

1. L-imputat gie akkuzat: 1. B'ezercizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet u kif komunement hija maghrufa '*meta tiehu l-ligi b'idejk*' jew '*ragion fattasi*' u bi: 2. hsara volontarja bi ksur tal-Artikoli 85 u Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-akkuzi jaqraw is-segwenti:

> "Billi int akkuzat talli personalment u/jew tramite terzi, fit-23 ta' Novembru 2015 u/jew fil-granet u jiem sussegwenti ghall-istess data izda qabel it-30 ta' Novembru 2015
>
> 1. minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra il-ligi imma biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, fixkilt

[2] Skont dak li rrizulta mir-rapport imhejji mill-Perit Legali Dr. Renata Farrugia, liema rapport il-Qorti qeghda taqbel mieghu.

lil konjugi Emanuel u Rita Bezzina fil-pussess ta' hwejjighom billi abuzivament personalment u/jew tramite terzi dhalt fil-proprjeta tal-kwarelanti konsistenti f'porzjon ta' art maghrufa bhala 'Ta' Ghajn Meddew' fil-limiti tax-Xaghra – Ghawdex konfinanti nofsinhar ma passagg, tramuntana ma beni tal-eredi ta' Salvu u Rosa konjugi Theuma u punent ma beni ta' Eucharist Sultana, jew irjieh verjuri caqilqu tank tal-ilma illi kien jinsab f'dina l-istess propjeta tal-kwarellanti, hattejt jew nehhejt gebel li kienu jifirdu l-art taghkom jew ta' min minnhom mill-proprieta' tal-kwarellanti u sahansitra ffurmajt passagg sabiex ikun iservi ta' access mill-proprjeta tal-imputati jew ta' min minnkom ghall-propjeta tal-kwerellanti u dan kollu bi ksur tal-Kap 9 Art 85;

2. u aktar talli fl-istess perjodu, hin, lok u cirkostanzi, personalment u/jew tramite terzi, abbuzivament u volontarjament ikkagunajt hsara, hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi kissirt tank tal-ilma li kien jinsab fil-proprieta' tal-kwarellanti u li kien proprjeta tal-kwarellanti stess u dan bi ksur tal-Kap 9 Art 325.

3. Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Artikoli 383 kif ukoll l-Artikoli 82 (2) u Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

**<u>Ragion Fattasi – Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

4. L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mil-legislatur taghna bhala wahda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja bhala s-segwenti:

> 'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'

5. Il-gurista Francesco Carrara fil-ktieb tieghu – Volum V fil-Parti Specjali tieghu jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala s-segwenti:

> 'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di

questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'

6. L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija -vs- Anthony Micallef**[3] ddefiniet din il-offiza bhala s-segwenti:

   'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-ligi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika. **L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita' pubblika.** Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)

7. Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan il-kaz l-imputat Eucharist Sultana, uzax l-awtorita' tieghu nnifsu flok irrikorra ghand l-Awtoritajiet kompetenti.

[3] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciza fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Imhallef Emeritus V. De Gaetano.

8. Il-gurista Francesco Carrara fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

> '1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;
> 2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;
> 3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;
> 4. Mancanza di titolo piu grave.'

9. Dawn l-elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**[4], **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[5] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[6] li huma s-segwenti:

> 'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r- reat ta' *ragion fattasi* huma (1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor, (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt, (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt

[4] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[5] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell.
[6] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell.

aktar gravi.'

1. **Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor.**

Il-kaz taghna jirrigwardja bicca art maghrufa bhala 'Ta' Ghajn Maddew' fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex, gia fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex. Il-kwerelanti qeghdin jallegaw li l-imputat abbuzivament qabad u nehha tank tal-ilma minn din il-porzjon art (u qeghdin jallegaw li din l-art hi taghhom); hatt u nehha gebel li kienu intizi sabiex jifirdu l-art proprjeta tal-kwerelanti u sahansitra fforma passagg (ara ritratti ezebiti Dok RB2 sa Dok RB10).

Illi ma hemmx dubju li dawn l-atti gew kommessi mill-imputat, dan stante li gew ammessi mill-imputat innifsu fid-deposizzjoni li huwa ta nhar il-Hamis, 20 ta' Ottubru 2016 u fil-kontro-ezami tieghu ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Dicembru 2016 fejn huwa rega' rriafferma d-deposizzjoni tieghu. Ghalhekk l-*att estern* tal-offiza huwa pruvat. Hekk qal l-imputat fid-depozizzjoni tieghu tal-20 ta' Ottubru 2016:

> 'Fil-punt G jiena ghamilt pellet bil-frajja fih biex ma jidhlux jisirquli. Is-sena l-ohra ghamilt ir-rapport li qed jisirquli l-affarijiet. Dan kien bhal dan iz-zmien.

Jien sibt tank go dan il-feles mghotti bil-haxix biex ma jidhirx. Pruvajt naqilbu pero' ma stajtx ghax kien mimli b'ilma taqqabtu u tfajtu l-fuq ghal go tieghu xhin tbattal. Domt hames minuti biex ghamilt dan. Wara ftit serquli l-laring u r-rummien u ghalhekk mort ghalaqtu bil-hadid u l-fidiferru u ghalaqt it-tarag li jaghti minn ta' Pawlu ghal dan il-feles. Wara ftit qalghuh dan il-fidiferru u ghadu hemm f'art sal-llum. Sa ftit ilu t-tank regghu tefghuh battal fil-feles u jien ergajt tfajtu f'ghalqa li kellu Pawlu.'

**Kontro ezami tad-29 ta' Dicembru 2016**

'Taf minn poggih?

Noel. Min qal li taqqabtu poggih.

Ha nurik ritratti DB 1, DB 2 U DB 3 naqblu li dak il-hsara ghamilta int?

Iva naqblu.

It-tank kien ghandu fil-menqa jew feles kif issejhilha int?

Iva hemm kien ghadu. Ha nerfghu mimli jew.

Tikkonferma li dak it-tank kien mimli b'ilma? Jikkonferma li kien jintuza?

Iva kien mimli. Melih minn fuq ir-rih. Ma kienx ilu hemm.

X'hin qlajtu fejn poggejtu?

Tfajtu l-fuq mill-hajt. Mhux ser inhallih fi hwejgi. Poggejtu go ta' Noel.'

Di piu ghandu jigi stabbilit jekk minn naha tal-kwerelanti kienx hemm pussess jew detenzjoni ta' din il-porzjon art sabiex dan l-ewwel element jissussisti. Kif wiehed jista' facilment jinduna bejn il-kwerelanti u l-imputat hemm kwistjonijiet kbar fuq min hu l-proprjetarju ta' din il-porzjon art. Filwaqt li l-kwerelanti jirreferu ghal din il-porzjon art bhala 'Menqa', l-imputat jirreferi ghal din il-porzjon art bhala 'Feles'. Madanakollu jigi rilevat li effettivament ghal din l-offiza mhux ser taghmel differenza t-titolu uzat ghal din il-porzjon art. Fil-kawza gew esebiti diversi kuntratti u testmenti sabiex juru t-titolu, madankollu ghandu jinghad, li sabiex din l-offiza tissussisti pussess jew detenzjoni huwa bizzejjed u mhux necessarju li tipprova titolu ta' proprjeta'. Hekk inghad fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Joseph Bianco**[7]:

> 'Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta' din l-ghalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta' dan ir-reat m'hemmx lok li jigi ppruvat it-titolu; huwa necessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess gie mfixkel b'azzjoni ta' terzi sabiex b'hekk il-pussessur ma setghax igawdi l-pussess liberu tal-oggett.'

Illi ghalhekk l-ezami li jrid isir huwa jekk il-kwerelanti kellhomx pussess jew detenzjoni b'tali mod li huma gew imfixkla mit-tgawdija ta' din il-menqa/feles. L-Imhallef David

[7] Deciza nhar il-5 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Scicluna fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Mario Bezzina** deciza nhar is-26 ta' Mejju 2004 qal is-segwenti:

> 'Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi" (ara appell kriminali Il-Pulizija v. George Zahra, 16 ta' Lulju 1958 – ol XLII.iv. 1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu il-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.'

Fil-kaz prezenti, il-kwerelanti xtraw l-ghalqa minghand Paul Sultana u ghalhekk huma libsu z-zarbun tieghu. Paul Sultana jigi hu l-kwerelanta Rita Bezzina u hu l-imputat Eucharist Sultana. Mid-deposizzjoni li nghatat kemm mill-kwerelanti, mill-imputat kif ukoll mix-xhieda mressqa miz-zewg partijiet u cioe' ix-xhieda ta' Paul Sultana u ta' Fortun Sultana jirrizulta bic-car li din l-art mhijiex wahda li tista' facilment tinhadem. Milli setghet tifhem u milli l-Perit Legali ikkonstatat waqt l-access, din l-art hija ftit difficli biex tinhadem minhabba c-cokon taghha. Di fatti hadd mill-partijiet u xhieda mressqa, ma jsemmu li kienu jinzlu u jahdmu din il-menqa/feles (fis-sens li fiha kienu jhawlu l-prodotti tal-biedja) pero' jsemmu li kienu jnaddfuha u li kienu jaqtghu lumi jew rummien.

Hekk xehed Fortunato Sultana (hu l-imputat u l-kwerelanta

Rita Bezzina) fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Ottubru 2016 prodott mill-imputat:

> 'Il-feles ma tantx konna nahdmuh konna nidhlu naqtghu xi lummija u kien ikun hemm ir-rummien fin-nofs. Minn hajt sa hajt li hija cirka ta' hames piedi. Proprja ma kinitx tinhadem li konna naghmlu huwa nidhlu bir-rigel naqtghu xi limmija u rummiena.'

Huwa kompla jghid li fil-feles/menqa gieli ra lit-tifel ta' Paul Sultana.

> 'Ilu kont nara lit-tifel ta' hija jaqta l-laring u jitla fejn missieru. Dan jigi t-tifel ta' Pawlu.'

L-istess imputat in kontro-ezami ta' nhar id-29 ta' Dicembru 2016 xehed:

> 'Ara taqbilx mieghi li kien ilek b'inkwiet ma Noel u ma Pawlu hafna?
> Pawlu kien jghid li l-lumija hija tieghu u mhux il-feles kollu.
> Bdejna b'argument fuqha minn meta gie jkejjel tad-denunzja.
> Illum il-lumija hija maqluwha.
> Taqbel mieghi li Pawlu kien jidhol go din il-feles?
> Jien x'ghamel ma nafx pero' l-lumija kienet fil-feles u l-frajja kienu jigu parti go tieghi u parti go tieghu.'

Illi minn din id-deposizzjoni moghtija mill-imputat innifsu jirrizulta li Paul Sultana (il-kwerelanti dahlu minn floku) kellu zgur xi tip ta'

pussess jew mera detenzjoni. L-istess ikkonferma Fortunato Sultana meta stqarr li gieli ra lit-tifel ta' huh Paul Sultana. Illi ghalhekk jista' jinghad li l-kwerelanti kellhom pussess jew detenzjoni tal-menqa/feles rikjesta mil-ligi ghaliex huma dahlu fiz-zarbun tieghu meta xtraw il-porzjon art.

Illi l-imputat Eucharist Sultana kien jaf li hemm l-inkwiet fuq din il-menqa/feles u dan jikkonfermah fid-deposizzjoni tieghu stess. Malgrad xorta jaghzel li jaghmel l-azzjonijiet imsemmija u dan minghajr ma jirrikorri ghand l-awtoritajiet.

**2. Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt**

Illi hawnhekk irid jigi determinat x'intenzjoni kellu l-imputat meta wettaq ir-reat jekk hija intenzjoni li jiehu l-ligi b'idejh u dan biex jezercita' dritt li jahseb li ghandu jew inkella intenzjoni ohra li tikwalifika f'reat divers minn dak li qieghed jigi ezaminat. Hekk inghad fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Eileen Said** *'...fis-sens li l-agir ta' dak li ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.'*[8]

Illi mid-deposizzjoni moghtija mill-imputat huwa ghamel l-imsemmija azzjonijiet biex inehhi l-affarijiet minn hwejgu.

> 'L-feles ma huwiex imnizzel fit-testment ghaliex mill-hajt l-isfel huwa tieghi u mill-hajt l-fuq huwa ta' Pawli. Il-hajt tal-

[8] Deciza nhar il-19 ta' Gunju 2002 mill-Qorti tal-Appell Civili.

qasma huwa n-nahha tat-tramuntana sal-pasagg. Hajt wiehed tal-qasma bejn ta' fuq u ta' isfel.' (deposizzjoni moghtija nhar it-3 ta' Novembru 2016)

Hekk xehed fil-kontro-ezami tieghu:

'…X'hin qlajtu fejn poggejtu?

Tfajtu l-fuq mill-hajt. Mhux ser inhallih fi hwejgi. Poggejtu go ta' Noel. … …

RB 6 tgharfu? Ara jekk nghidx sew li fejn qed nimmarka b'ittra X kien hemm xi gebel hemm u caqlaqtu?

Il-hajt ma missejtux. Il-gebel li kien hemm ghalaqt it-tarag bih ghaliex it-tarag jien biss ghandi nghaddi minnu biex nikser l-ilma ghal gol lummija u niksru ghal gol laring go l-ghalqa ta' isfel.

Access kien hemm minn l-ghalqa ta' fuq ta' Noel ghal go din il-menqa?

Iva kien hemm access ta' xi tlett targien jew erbgha.

Taqbel li fl-istess zmien li kissiert it-tank qbadt il-gebel u ghalaqt it-tarag ukoll?

Iva jien ghalaqtu it-tarag hwejgu hu. Qabel ma jirranga l-vit ma nistax ninzel minn hemm, ghalhekk ghalaqtu jien ghax ma ghandu jinzel hadd.

Imma taqbel li sadakinhar kien miftuh?

Iva naqbel. …'

Illi ghalhekk il-Perit Legali wara li rat ix-xhieda u l-provi kollha thoss li dan l-element gie sodisfatt.

**3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika**

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu **Programma del Corso di Diritto Criminale** sabiex jispjega dan il-elementi jaghti zewgt ezempji:

> '**Example 1**: If by mistake A extends the boundary on the property of his neighbour, A has materially deprived a dissident from the enjoyment of a piece of land - first element. A had the belief of exercising his right - second element. But A is not guilty of ragion fattasi, because the third element is lacking. A did not have the consciousness that he was exercising an authority belonging to a public authority.
>
> **Example 2**: A visits his friend B at his residence but does not find him there. A sees a book that he had lent to B, and takes it, in the belief that B will not oppose. If it happens that B opposes and does not want to return the book because he pretends a right over it, then there is the first element of the offence. First element - A has deprived B of a thing which he enjoyed and did in spite of the opposition of B. Second element - A has done this in the belief of exercising his right. However the third element is not present, because the first element is not reproduced in the mind of the agent. The intentional element in its second criterion is lacking because A did

not know that B opposed or presumed that B will oppose, '…perchè io non ebbi coscienza di far cosa ingiusta nella *forma*.[9]

If on the other hand A knew that B opposed or presumed that B will oppose to give back the book, because (for example) he bound the book or on the basis of any other plausible motive: if A conscious of that opposition, waited for the right moment that B was absent from his residence, to enter and take back the book - that is the third element of ragion fattasi. A knew of the dissent and in spite of such dissent he deprived B from the enjoyment: A considered unjust the retention of the book: A however did not want to open a lawsuit: and thus without recourse to the competent authority and '*di privato braccio*' took the book with the intention to regain possession.'

Kif irrizulta mid-deposizzjoni moghtija mill-imputat innifsu, huwa kien jaf li l-kwerelanti ser jopponu u minghajr ma rreverta ghand l-awtoritajiet koncernati sabiex inehhu l-oggetti huwa ghamel di privato braccio dak li kellu jsir bil-mezzi legali. Di fatti meta huwa xehed minn jeddu fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Novembru 2016 huwa sahansitra jghid li kien bghat ittra ufficjali lil Paul Sultana u lil Noel Bezzina sabiex jirrangaw il-pjanta '*… Kont bghat ittra ufficali lil Pawlu u lil Noel sabiex jirrangaw il-pjanta.*' Ghalhekk kien jaf li fuq din il-porzjon art hemm l-inkwiet u jekk ser jaghmel dawn l-azzjonijiet kien

[9] Ibid. 544.

ser ikun hemm l-oppozizzjoni. Ghaldaqstant dan l-element jissussisti.

**4. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.**

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija u tal-elementi precedenti jirrizulta b'mod inekwivoku li l-offiza ma hi xejn ghajr ghal dik ta' ragion fattasi.

**<u>Hsara Volontarja - Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

> *325. (1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;*
> *(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;*
> *(ċ) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;*
> *(d) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), il-piena ta'*

*priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet:*

*Iżda, meta d-delitt ikun skużabbli minħabba provokazzjoni inġusta, il-ħati jeħel, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn żewġ terzi tal-piena hemm imsemmija; u fil-każ imsemmi fil-paragrafu (d), il-piena tal-kontravvenzjonijiet.*

*Meta tiġi biex titqies l-iskuża, għandha titħares ir-regola miġjuba fl-artikolu 235:*

*Iżda wkoll fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (ċ) u (d), ħlief meta il-ħsara tkun magħmula fi proprjetà pubblika, proċedimenti jistgħu jittieħdu biss bil-kwerela tal-parti offiża:*
*Iżda wkoll fil-każ ta' ħsara lill-proprjetà pubblika, il-piena tiżdied bi grad jew tnejn, u l-ħati għandu jiġi ikkundannat iħallas multa ekwivalenti għall-ħsara li tkun saret.*

*(2) Jekk minħabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjetà mħassra, danneġġata jew mgħarrqa ma jkunx possibbli li l-ħsara titqies skont ir-regola stabbilita fl-artikolu 335, il-ħsara għandha titqies li tkun ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).*

Minn qari tal-artikolu huwa evidenti li r-reat kontemplat jehtieg l-azzjoni volontarja ta' individwu biex tgharraq jew taghmel hsara fi hwejjeg haddiehor. Ghandu jinghad li l-imputat ammetta huwa stess li ghamel il-hsara fit-tank '*…Jien sibt tank go dan il-feles mghotti bil-haxix biex ma jidhirx. Pruvajt naqilbu pero' ma stajtx ghax kien mimli b'ilma taqqabtu u tfajtu l-fuq ghal go tieghu xhin tbattal. Domt hames minuti biex ghamilt dan.*'[10]

Fil-kaz tal-piena din hija dipendenti fuq il-*quantum* tal-hsara kagunata u ghalhekk huwa essenzjali ghall-fini ta' piena li jigi determinat bil-preciz l-ammont ta' hsara kagunata.

Mix-xhieda tal-konjugi Bezzina jirrizulta li saret hsara volontarja fit-tank li gie poggut fil-Feles/Menqa. Madankollu l-konjugi Bezzina ma prezentaw l-ebda ricevuta malgrad li fid-deposizzjoni taghhom qalu li kellhom hsarat fit-tank u esebew ritratti li juru din il-hsara.

Ghaldaqstant fir-rigward tal-quantum tal-hsara dan ma giex stabbilit.

**KONKLUZJONIJIET**

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi u tal-konstatazzjonijiet hawn maghmula, il-Perit Legali issottomettiet:

i. Fir-rigward tal-offiza ta' ragion fattasi, thoss li l-elementi kollha ta' din l-offiza jissussistu u ghalhekk ghandha tinstab htija fl-imputat Eucharist Sultana.

[10] Deposizzjoni tal-20 ta' Ottubru 2016.

ii. Fir-rigward tal-offiza tal-hsara volontarja din l-offiza giet ammessa madanakollu prova tal-kwantum tal-hsara ma gietx mressqa mill-kwerelanti.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi u tal-konstatazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti wara li rat Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali tiddeciedi li l-imputat Eucharist Sultana jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah multa ta' mitejn ewro (€200). Rigward it-tieni (2) imputazzjoni ghalkemm ammessa mill-imputat ma kienx stabbilit il-valur tal-hsara u ghalhekk il-Qorti ma tpoggietx f'posizzjoni li tista' tikkundanna danni dwar din il-hsara u ghalhekk wara li rat Artikolu 325 (d) qeghda ssibu hati ta' kontravenzjoni u u tikkundannah Riprensjoni u Ammonizzjoni (R & A).

Finalment, wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lil Eucharist Saliba jhallas is-somma ta' sitt mija u tletin euro u hdax-il centezmu (€630.11) bhala spejjez peritali li jridu jithallsu fi zmien xahar millum.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**